

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2018 – Hästens Sängar vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' disinn tal-kwadri)**(Kawża T-658/18)**

(2019/C 25/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Hästens Sängar AB (Köping, l-Isvezja) (rappreżentanti: M. Johansson u R. Wessman, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' trade mark figurattiva bil-kuluri blu u abjad (Rappreżentazzjoni ta' disinn tal-kwadri) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 340 047

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Awwissu 2018 fil-Każ R 442/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 94 u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba li l-Bord tal-Appell ma għamilx eżaminazzjoni xierqa, u/jew naqas milli jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu dwar prodotti u servizzi varji li saret applikazzjoni għalihom;
- Ksur tal-Artikolu 94, l-Artikolu 95 u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba li s-suġġett tat-trade mark ma huwiex disinn ripetut jew trade mark tridimensjonali;
- Evalwazzjoni żbaljata tal-interess pubbliku rilevanti sottostanti li tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni mhux korretta dwar il-karattru distintiv inerenti.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2018 – Securitec vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-661/18)**

(2019/C 25/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Securitec (Livange, il-Lussemburgu) (rappreżentant: P. Peuvrel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea